# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 2 ta' Mejju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Nazareno Formosa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nazareno Formosa ta' 67 sena, bin il-mejtin Francis u Angela nee' Debono, imwieled Albert Town, il-Marsa fis-27 ta' Awissu, 1950 u joqghod fil-fond imsejjah: 'Lajmec Farm', Qasam Industrijali tal-Marsa, il-Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 811550(M)

Akkuzat talli:

A) Filwaqt li kien fil-Misrah il-Papa Benedittu XV, gewwa l-Isla, sbieh l-14 ta' Lulju, 2008, ghall-habta ta' bejn is-2.30 u t-3.00 ta' filghodu, volontarjament ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta' l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta' lewn griz u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: BBL-795, liema danni jeccedu l-1,164.69 Euro, ghad-dannu

ta' Marija Ruzarja Barbara minn l-Isla u persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artiklu 325(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) U aktar talli, fl-istess cirkostanzi, fl-inhawi ta' l-Isla u fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra, b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu u dana bi ksur ta' l-art. 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali mahrug skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu ghall-provi.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-*parte civile* u tal-imputat.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-lejl bejn it-13 u l-14 ta' Lulju 2008, ghal habta tat-3.15a.m., il-Pulizija tal-Ghassa ta' Bormla irceviet telefonata anonima, fejn giet infurmata li kien hemm ragel ta' statura qsajra u mibruma, xaghru griza li qed jigref vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBL 795, li kienet ipparkjata fi Pjazza Benedittu XV gewwa l-Isla.

2. Il-Pulizija marret mill-ewwel fuq il-post, u fil-fatt sabet il-vettura imsemmija, li kienet giet vandalizzata. Kellha l-erba' tyres mifqugha permezz ta' oggett bil-ponta, kif ukoll kellha diversi grif mal-*bodywork* kollu taghha.
3. Il-Pulizija tkellmet ma certu Christian Bonello, li kien xhud okulari ta' dan il-vandalizmu, u nforma lill-Pulizija li r-ragel li kkommetta dan ir-reat kien liebes qmis checkered ta' lewn kannella u shorts, u kkonferma l-istess deskrizzjoni ta' din il-persuna li kienet inghatat mill-persuna anonima.
4. Irrizulta li din il-vettura issejjah lil Maria Rosaria Barbara, li kienet toqghod l-Isla.
5. Meta Maria Rosaria Barbara giet mistoqsija jekk kinitx tissuspetta f'xi hadd li seta' ghamel dan l-att ta' vendikazzjoni, hija stqarret li kellha suspett f'certu Nazareno Formosa, l-imputat, li kien habib intimu taghha sa ftit zmien qabel u issa ma kienux qed jitkellmu.
6. Barbara qalet ukoll li kienu ilhom isiru vendikazzjonijiet fuq il-karozza taghha u ohra li kellha minn Novembru 2007, pero ma kellhiex bizzejjed provi biex tista' tghid li kien l-imputat li kkommettiehom.
7. Ir-relazzjoni bejn Barbara u l-imputat kienet wahda turbulenti – daqqa hbieb u daqqa jiggieldu. Barbara qalet li kull meta kienu jirrangaw ir-relazzjoni ta' bejniethom, l-imputat kien ihallsilha l-hsarat li ftit qabel ikunu sehhew fuq il-karozza taghha. Meta tiggieled mieghu, kienet issib il-hsarat fil-karozza taghha.
8. Id-deskrizzjoni tal-imputat kienet tixxiebah hafna ma' dik tal-persuna deskritta fit-telefonata anonima u mix-xhud Christian Bonello.
9. Barbara qalet ukoll li fil-lejl ta' qabel dan l-incident, kienet rat lill-imputat fil-festa tal-Kalkara jixrob fil-kazin Sagra Famiglia tal-Kalkara.
10. Barbara tat lill-Ufficjal Investigatur ircevuta u stima tal-hsara li sofriet. L-ircevuta kienet ghal erba' (4) tyres mahruga minn certu Dennis Desira fl-ammont ta' €168.00. L-istima kienet mahruga minn Waldorf Autoservices Centre li kienet tikkoncerna t-tiswija tal-hsarat li kellha l-vettura, li kienet tammonta ghal €2110.24.
11. Konsegwenza ta' dan ittiehdu dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputat.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari - L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li seta' qal waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*Il-Meritu*

Ir-rizoluzzjoni ta' dawn il-proceduri tiddependi esklussivament fuq il-kredibilita tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u l-kredibilita tax-xhieda li ta l-imputat stess f'dawn il-proceduri.

Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2009,[1] Barbara irripetiet dak li hija kienet qalet lill-Ufficjal Prosekutur fl-istadju tal-investigazzjoni. Pero hija ammettiet li qatt ma rat lill-imputat jivvandalizza l-karozza, pero qalet li kull meta kien ikollha hsarat fil-karozza, l-ghada kien icempel l-imputat u jghidilha biex jekk ikollha bzonn xi flus titolbu. Tghid ukoll fil-kaz odjern, l-imputat ma cempilx biex joffrilha l-flus. Qalet ukoll li fil-festa tal-Kalkara, l-imputat *"kien liebes shorts u qmis iccangjata kif qaluli l-pulizija pero jiena ma rajthiex iccangjata ghax kont 'l boghod."* Mistoqsija x'kulur kienet il-qmis wiegbet *"fl-abjad"* u li x-shorts kien *"qisu kannella"*. Pero iktar tard fix-xhieda taghha, Barbara qalet li l-imputat darba biss kien hallsilha ghat-tyres tal-karozza, li kienet sabet maqsumin.

Christian Bonello, ix-xhud okulari, xehed li hu ra ragel idur mal-karozza, – kuntrarjament ghal dak li qal fl-istadju tal-investigazzjoni – huwa xehed li dan ir-ragel kien liebes qmis skura, pero ma kienx jaf id-disinn taghha ghax qal li hu ra lil din il-persuna mill-boghod tul

---

[1] Ara fol. 24 *et seq.* tal-process.

il-knisja, u kien id-dlam. Qal ukoll li ghal din ir-raguni hu lanqas ra wicc il-persuna, u ghalhekk ma gharafx lill-imputat bhala l-persuna li ra ddur mal-karozza.[2]

Daniela Barbara, it-tifla tal-*parte civile*, xehdet hekk *"Imma meta bdew jigru l-hsarat fuq il-karozza,* (l-imputat) *kien icempilli fis-7.15a.m. u kien jghidli isma dan jekk ommok ghandha bzonn xi haga tal-flus minhabba spejjez fil-karozza jew jekk ghandha xi puncture jew hekk. U jiena kont nghidlu iva ok, dan fis-7.15a.m. Imbaghad kienet ccempilli ommi tghidli li hrigt u sibt l-4 tyres imqattghin."*[3] Fix-xhieda taghha, Daniela Barbara ammettiet li hija personalment qatt ma rat lill-imputat jaghmel hsara.

Effettivament, il-Qorti tista' tieqaf hawn, ghax bil-kontradizzjonijiet lampanti bejn dawn it-tliet xhieda principali tal-Prosekuzzjoni fuq fatti importanti, maghqud mal-fatt li hadd, lanqas Christian Bonello, ix-xhud okulari, ma qal li ra lill-imputat jaghmel il-hsara li garrbet il-vettura tal-*parte civile*, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

Donnhom il-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* ukoll indunaw li l-kaz taghhom kien dghajjef hafna, ghax sussegwentement – cioe erba' (4) snin wara l-akkadut - il-Prosekuzzjoni bdiet tressaq xhieda, li din il-Qorti m'ghandhix frazi ohra kif tiddiskrivihom, hlief li "waqghu mis-sema" f'attentat tal-*parte civile* sabiex issahhah il-kaz taghha.

L-ewwel xhud hija Charmaine Bezzina[4], gara tal-*parte civile*, li xehdet li xi tlett snin qabel kienet rat lill-imputat darba fit-triq taghha, b'landa f'idu u xehet il-likwidu li kien fiha din il-landa fuq il-Fiat Punto tal-*parte civile.* Bezzina xehdet li hija kienet rat dan l-incident bejn is-6.00a.m. u 7.00a.m. ta' fil-ghodu waqt li kienet fil-gallarija tad-dar taghha. Hija ma kienet qalet xejn lil hadd dwar dak li rat, pero iddecidiet li titkellem ghax ricentement kienu ivvandalizzaw il-karozza ta' missierha. Minkejja li rat lil din il-persuna darba tlett snin qabel, Bezzina insistiet li hija kienet qed taghraf din il-persuna bhala l-imputat.

---

[2] Ara xhieda ta' Christian Bonello a fol. 33 *et seq.* tal-process.
[3] Ara fol. 62 tal-process.
[4] Ara fol. 65 *et seq.* tal-process.

It-tieni xhud hija Claire Linthia Cassar[5] li taf lil *parte civile* u li xehdet li hija prostituta u li l-imputat kien klijent taghha. Hija xehdet li xi zmien qabel – pero ma setghetx tiftakar meta - l-imputat kien qalilha tmur tkisser il-karozza tal-*parte civile*, huwa kien itiha xi haga tal-flus zejda. Wara ftit saret taf li veru li lill-*parte civile* kienu kissrulha l-karozza, u ghalhekk kellmet lill-*parte civile* u lil bintha Daniela, sabiex joqghodu attenti mill-imputat.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid li fl-opinjoni taghha dawn iz-zewg xhieda mhux kredibbli. La hu verosimili li Bezzina taghraf lill-imputat tlett snin wara ghax ratu darba mill-gallarija, u tirraporta l-att vandalu li tallega li rat, tlett snin wara, u lanqas hu versosimili li l-imputat qabad lil Cassar tivvandalizza l-vettura tal-*parte civile,* u minkejja li din wissiet lil *parte civile* u lil bintha Daniela sabiex joqghodu attenti mill-imputat, la l-*parte civile* u lanqas bintha Daniela, ma ghamlu l-icken accenn ghal dan il-fatt waqt ix-xhieda taghhom.

Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2012,[6] regghet xehdet il-*parte civile* u riedet tezebixxi ricevuta datata 30 ta' Marzu 2011, li tkopri l-ispejjez li ghamlet biex issewwi l-erba' tyres u d-danni li kellha fuq il-vettura fl-incident in kwistjoni, li sehh fl-2008. Dan meta, fl-ewwel seduta l-Ufficjal Prosekutur kien diga ezebixxa l-ircevuta sabiex inxtraw it-tyres u l-istima tal-hsara, li kienet taghtu il-*parte civile.*[7] Meta din il-Qorti wissiet lix-xhud bil-konsegwenzi ta' gurament falz, il-*parte civile* irtirat l-ircevuta, ghax qalet li kienu danni relatati ma incident separat. Kull kumment ta' din il-Qorti dwar il-kredibilita ta' din ix-xhud ikun superfluwu.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2013[8] regghet telghet tixhed it-tifla tal-*parte civile,* Daniela Barbara, li xehdet li fil-25 ta' Marzu 2009, wara li spicca jixhed ix-xhud Christian Bonello, hija kienet qed tistenna barra mill-Awla tal-Qorti, kif hargu mill-Awla rat lill-imputat fil-kurutur tal-Qorti jghaddi l-flus lil Bonello. Hija qalet li dak il-hin ma infurmat lil hadd b'dak li rat, imma qabdet u telqet il-barra, ghalkemm xi zmien wara kienet qalet lill-Ufficjal Prosekutur ta' dak iz-zmien. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din l-istorja mhix wahda kredibbli, ghax li kieku vera grat, la x-xhud u lanqas il-Prosekuzzjoni ma kienu se jistennew il-fuq minn hames (5) snin jghaddu biex jaghmlu din l-allegazzjoni formalment quddiem din il-Qorti.

---

[5] Ara fol. 93 *et seq.* tal-process.
[6] Ara fol. 76 *et seq.* tal-process.
[7] Ara fol. 16 u 17 tal-process.
[8] Ara fol. 84 *et seq.* tal-process.

Fil-kamp kriminali, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni – haga li l-Prosekuzzjoni fil-kaz odjern certament m'ghamlitx – u l-imputat m'ghandu bzonn jipprova xejn. Ghaldaqstant, il-Qorti mhix se tinoltra ruhha fuq il-kredibilita tax-xhieda tal-imputat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**